KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

7/7

**Is-Seba (7) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsilier |
| | Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsillier |
| | Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tas-Sitt Laqgħa
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza/ Proposti ta' Ħidma
5. Approvazzjoni
    - Skeda ta' pagamenti
    - Purchase Orders
    - Works Orders
    - Petty Cash
6. Ilmenti
7. Proċess tal-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv
8. Kommunikazzjoni mis-Sindku
    a) Deċiżjoni fuq ir-rapport tas-Shooting Range
    b) Rapport dwar l-iżvilupp Santa Margerita
9. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.45 ta' filgħaxija.

**1. Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

**2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitt Laqgħa**

Il-minuti tas-sitt (6) tal-Laqgħa li saret Nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

**3. Affarijiet li jiqajjmu mil-minuti**

3.1 – Minuta mill-Item Nru 3 a) - Is-Sindku nforma lill-membri li l-pjan sabiex jinbena shooting range ma ġiex immaterjalizzat. Is-Sindku ppropona li r-rapport li kien ressaq hu bħala proposta il-Kunsill kellu jiddiskuti, jibqa biss ikkonsidrata bħala proprjeta tal-kunsill parti minn korrispondenza tal-Kunsill. Dan sar wara wkoll li kien hemm qbil ta emenda.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.2 – Minuta mill-Item Nru 4 - Proposta Nru 1 - Is-Segretarju nforma lill-membri li l-Pjazza Rotunda taqa taħt il-Ministeru tat-Toroq u għaldaqstant kwalukwe manutenzjoni kif ukoll ħsarat fil-funtani għandhom jiġu nformati lid-Dipartiment tat-Toroq.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.3 – Minuta mill-Item Nru 4 - Proposta Nru 5 - Is-Sindku nforma lill-membri li wara konsultazzjoni li kellu dwar il-ġbir ta skart ħa jibqa kif inhu apparti li l-ħin tal-ġbir se jibda fit-8.00 a.m. u li l-ġbir tal-borża tar-riċiklaġġ (borża ħadra) tibda ssir fid-9 a.m. Is-Sindku qal li ntlaħaq ftehim ma Green Pak sabiex l-informazzjoni lir-residenti dwar ħinijiet ġodda jitqassmu mill-kumpanija stess. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.4 – Minuta mill-Item Nru 4 - Proposta Nru 7 - L-Aġent Segretarju Eżekuttiv nforma lill-membri tal-Kunsill Lokali li ntbagħtet korrispondenza sabiex ikollna servizz ta social worker. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.5 - Minuta mill-Item Nru 4 - Korrispondenza Nru 2 - Is-Segretarju nforma lill-membri li sinjura Candice Coppola mill-1 ta' Awwissu tieħu increment u titla fis-7 notch ta' Skala 13. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3.6 - Minuta mill-Item Nru 4 - Korrispondenza Nru 3 - Is-Segretarju nforma lill-membri li wara diskussjoni li kellu ma tal-Youth Included li l-ammont finanzjarju tnaqqas bin-nofs u għaldaqstant huwa irrakomanda lill-membri sabiex l-Kunsill jikkontribwixxi l-ammont ta' €386. Il-membri qablu unanimament.

**4. Korrispondenza / Proposti ta Ħidma**

**1) Fuq Proposta Nru 1 - Aktar culverts u titjib f'oħrajn għall-ilma tax-xita**

Il-membri tal-Kunsill qablu ma din il-proposta iżda jiddependi mill-att finanzjarju tal-Kunsill.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

2) **Fuq Proposta Nru 2 – Aktar ġbir ta' ilma tax-xita fil-Mosta**

Il-membri kollha preżenti qablu tal-Kunsill barra l-Kunsill James Cassar li ma qabilx ma din il-proposta u qal li ma jidhirlux li siti bħal dawn għandhom jintużaw għal iskop tal-proposta.

3) **Fuq Proposta Nru 3 – Bdil fic-cirkolazzjoni tat-traffiku fi Triq il-Kungress Ewkaristiku**

Il-membri tal-Kunsill qablu mal-proposta li tinvolvi il-bidu ta proċess ta konsultazzjoni mar-residenti u l-entitajiet relatati . Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsilliera preżenti li hu ser jaħdem biex jara li dan il-proġett ikun ukoll ikkonsidrat bħala proġett tal-gvern ċentrali. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4) **Fuq Proposta Nru 4 – Qasam Soċjali - Unur Gieh il-Mosta u Rikonoxximent**

Il-Viċi Sindku is-Sur Ivan Bartolo spjega l-andament il-ġdid ta kif ser jingħata Ġieħ il-Mosta . Din is-sena Ġieħ il-Mosta ser jingħata b' żewġ proċeduri b'dik eżistenti u proċedura ġdida li kienet qegħda tkun proposta.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

5) **Fuq Proposta Nru 5 – Qasam Soċjali – Jiġi mnaddaf il-bokka tal-Ġibjun fejn il-bandli Ta' Mlit**

Il-Kunsill ser jinforma lid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex l-ewwel jiġi identifikat l-istat li jinsab fiha l-ilma li hemm miġbur għaliex jista jkun ta danni għas-saħħa ta residenti.

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

6) **Fuq proposta nru 6 – Qasam Edukattiv - Serje ta Zjarat ġewwa parlament ġdid**

Il-Viċi Sindku nforma lill-membri li l-Ġimgħa 17 ta' Lulju kienet ser ssir it-tieni ħarġa tal-lokal fil-Parlament il-ġdid ta' Malta.

7) **Fuq Proposta Nru 7 – Qasam edukattiv - sejħa pubblika biex issir Kunsill tat-Tfal**

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. Il-Kunsillier ippropona li Dr Angele Rapa għandha tifforma il-proposti applikabbli għal dan il-Kunsill ta' Tfal. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

8) **Fuq Proposta Nru 8 – Konsultazzjoni - Laqgħat fiż-żoni**

Is-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill qablu sabiex isiru dawn il-laqgħat fi spazju pubbliċi fi xhur li ġejjin. Is-Sur Keith Cassar għandu jieħu ħsieb li jsiru dawn il-laqgħat.

9) **Fuq Proposta Nru 9 – Manutenzjoni - Rixtellu tal-istatwa ta' San Ġużepp**

Il-membri tal-Kunsill qablu li għandhom jsir dawra kurduna pulita biex ikun ta ilqugħ għar-rixtellu tal-istatwa ta San Guzepp. Il-Kunsill qabel li Philip il-handyman tal-Kunsill jieħu lill-kuntrattur ikkonċernat fuq il-post ħalli joħroġ stima.

10) **Fuq Proposta Nru 10 – Manutenzjoni - Monumenti fil-Mosta**

Il-Kunsill qabel li għandhom isiru manutenzjonijiet f' dawn il-monumenti mill-ħaddiema tal-Kunsill billi l-ewwel jinħaslu u jingħataw polish.

11) **Fuq Proposta Nru 11 – Aktar sigurta fit-toroq tagħna permezz ta access aħjar - Triq Santa Margerita bejn Triq il-Kbira u Triq San Anton Abbati**

Wara diskussjoni dettaljata l-membri tal-Kunsill qablu li Triq il-Palazz ta Kaspru k/m Triq il-Kbira tiġi one-way bi prova. Il-Kunsill irrid jinforma lill Transport Malta għal approvazzjoni ta' dan it-tibdil. Il-kunsill qabel wkoll li jsir studju sabiex ikun ikkonfermat kemm hu l-ammont ta traffiku li jgħaddi minn Triq il-Palazz ta Kaspru għal Triq Santa Margerita biex jgħaddi għal Triq San Anton Abbati.

**Korrispondenza Nru 1 –**

**Request for tables and Chairs in front of La Tartine Snack Bar Pjazza Rotunda/Triq il-Kurat Calleja Mr Jamil Moubarak**

Din il-korrispondenza ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri tal-Kunsill . Il-Kunsill għandu jibgħat ittra lis-Sid ta Restauarnt li tkun suġġetta għall-approvazzjoni ta Transport Malta u Malta Tourism Authority. Il-Kunsill qal ukoll li jitlob lill Malta Tourism Authority x'permessi hemm għal ħwienet tax-xorb li hemm fil-Pjazza tal-Mosta.

**Korrispondenza Nru 2 –**

**Ittra minn Perit Audrey Testaferrata De Noto minn Transport Malta - Mosta Triq il-Kungress Ewkaristiku**

Il-Kunsill approva din il-korrispondenza.

**Korrispondenza Nru 3 –**

**Talba mingħand l-iskrivana Candice Coppola għal żieda Skala 13 - 7th Increment**

Ara Minuta 3.5.

**Korrispondenza Nru 4 –**

**Ittra mill-Kullegg Maria Regina Sekondarja Bniet - Qagħda kritika tas-synthetic mini pitch li hemm fil-premises tal-iskola**

Il-Kunsill iddeċieda li l-ewwel irridu naraw jekk il-pitch imsemmi hux devolut lill-Kunsill Lokali. F'dan il-każ għandna nibgħatu ittra lill-Foundation of Tomorrow Schools sabiex ikun jista jitranġa ruħu. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**Korrispondenza Nru 5 –**

**Ittra minn Dun Albert Buhagiar - Għajnuna Finanzjarja lill Grupp tal-Oratorju Qalb ta Gesu - Rappreżentazzjoni Marjana 1 ta' Awwissu 2015**

Il-Kunsill ma jistax jilqa din it-talba minħabba li l-kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali iżda kien hemm qbil li jgħin skont il-ħtieġa.

**Korrispondenza Nru 6 –**

**Talba mingħand l-iskrivani Rita Galea u Liliana Borg – Bdil ta Ħin u Ingaġġ ta persuna klerikali part-time**

Il-membri qablu unanimament li l-ħinijiet tal-Kunsill fi żmien is-sajf għandhom jinbidlu u minflok li l-uffiċju amministrattiv jingħalqu fis-1 p.m. Dawn jibdew jingħalqu fin-12.30 sabiex b'hekk il-ħaddiema ikollhom ċans jirrikonċiljaw. Dwar illi tiġi impjegat/a persuna oħra fil-Kunsill is-Sindku irrimarka li bħalissa minħabba il-qagħda finanzjarja ma jħossx li għandu jiżdied impjieg ġdid . Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li fi żmien qasir il-Kunsill ser ikollu bżonn jingaġġa fuq bażi part-time peress li waħda mill-impjegati ser tkun nieqsa mix-xogħol minħabba leave tal-maternita u għaldaqstant l-impjegati mhux ser ikunu jistgħu ilaħħqu ma-xogħol kollu li jirrekjedi fl-amministrazzjoni tal-Kunsill. Fir-rigward ta dan is-Sindku qal li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss jew wara li jkollna informazzjoni aktar dettaljata dwar il-finanzi tal-kunsill.

5. **Approvazzjoni**

- **Skeda ta pagamenti**

  Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

- **Purchase Orders**

  Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

- **Works Orders**

  Il-Works Orders ġew diskussi u approvati unanimament.

- **Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**6. Ilmenti**

F'din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda ilment.

**7. Proċess tal-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku qal li l-ħsieb li jkollna segretarju full time jibqa hemm u għaldaqstant indirizza lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkonsidra li jibqa Segretarju Full Time fil-Kunsill Lokali Mosta.

**8. Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**a) Deċiżjoni fuq ir-rapport tas-Shooting Range**

Ara Minuti Nru 3.1

**b) Rapport dwar l-iżvilupp Santa Margerita**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda ir-rapport tal-laqgħa li saret mar-residenti ta' Santa Margerita. Apparti minn hekk is-Sindku ippropona u l-Viċi Sindku ssekonda sabiex il-Kunsill jagħmel oġġezzjoni lill-MEPA dwar dan l-iżvilupp . Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**9. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **it-Tnejn 27 ta' Lulju 2015** fis-7.30 p.m.

Laqgħa spiċċat 10.35 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum:**27.07.2015**